**21. Il-Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar, jipproponi:**

Billi skont l-Artikolu 26 tal-Istatut tal-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri kien stabbilixxa n-numru ta’ Membri u ta’ Sostituti tagħhom li jippreżentaw Malta fuq l-Assemblea Konsultattiva tal-Kunsill;

U billi skont l-Artiklu 25 tal-istess statut ir-rappreżentanti u s-sostituti tagħhom għandhom jiġu nominati mill-Parlament tagħhom jew kif il-Parlament jiddeċiedi;

Hu għalhekk riżolut li:

L-Onorevoli

Leo Brincat, M.P.
Joseph Brincat, M.P.

ikunu nominati rappreżentanti ta’ Malta fuq il-Kunsill tal-Ewropa; u li

l-Onorevoli

John Buttigieg, M.P.
George Vella, M.P.

ikunu nominati sostituti rispettivament għall-Membri fuq imsemmija;

Huwa riżolut ukoll illi l-perijodu tan-nomina ta' rappreżentant jew sostitut igħodd mid-data ta' l-apertura tas-sessjoni ordinarja li tiġi wara, kif stabbilit fl-artikolu 25 ta' l-istatut, u li rappreżentant jew sostitut iżomm din il-kariga sakemm ikun Membru tal-Parlament u sa żmien sentejn b'effett mid-29 ta' Marzu 1982;

L-Onor. Membri hekk maħtura għandhom darba kull sitt xhur, jippreżentaw lill-President tal-Kamra tad-Deputati rapport, u jekk ikun il-każ, rapport tal-minoranza, rigward l-attivitajiet tagħhom matul l-istess perijodu.

Kopja ta' dan ir-rapport għandha titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra u għandha tiġi ċirkolata lill-Onor. Membri tal-Kamra.

25.03.1982